MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2011

Citazzjoni Numru. 1069/2005

***Bank of Valletta p.l.c.***

***Versus***

**Marco u Maria Dolores miżżewġin Calleja u Paul u Rita miżżewġin Manicolo**

1. F'din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda titlob illi l-konvenuti miżżewġin Calleja bħala debituri ewlenin u l-konvenuti miżżewġin Manicolo bħala garanti *in solidum* iroddu ħmistax-il elf, tliet mija u disgħa u għoxrin lira u sitta u sittin ċenteżmu (Lm15,329.66) – daqs ħamsa u tletin elf, seba' mija u tmien euro u ħamsin ċenteżmu (€35,708.50) – bilanċ ta' self magħmul b'żewġ kuntratti tal-1 ta' April 1998 u ieħor tat-2 ta' Ottubru 1998, it-tlieta fl-atti tan-Nutar Clyde La Rosa, u mgħaxijiet relativi, billi qiegħda tgħid illi seħħew il-kondizzjonijiet biex tista' titlob il-ħlas lura tal-bilanċ kollu tas-self. L-attriċi qiegħda titlob ukoll l-ispejjeż, fosthom dawk ta' ittri uffiċjali tat-3 ta' April 2002 u ta' mandati kawtelatorji ippreżentati flimkien maċ-

ċitazzjoni, u l-imgħaxijiet mill-1 ta’ Novembru 2005 sa meta jsir il-ħlas.

2. Il-konvenuti Manicolo, għalkemm notifikati, ma ressqux eċċezzjonijiet u ma dehrux għas-smigħ, u lanqas għamlu sottomissjonijiet bil-miktub għalkemm inħataw il-fakoltà li jagħmlu hekk kif igħid u jrid l-art. 158(10) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Il-konvenuti Calleja ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

i. is-self (li kien fil-forma ta’ *loan* u *overdraft facility*) kien ta’ tlitt elef lira (Lm3,000) kif jidher mill-kuntratt tal-1 ta’ April 1998, u l-*overdraft* ma setax jaqbeż is-somma ta’ sitt elef lira (Lm6,000), kif jidher mill-kuntratt tat-2 ta’ Ottubru 1998; u

ii. ma hemmx prova:

a. ta’ kemm kien l-ammont li l-eċċipjenti użaw mill-faċilitajiet li tathom l-attriċi; u

b. ta’ kif minn self li ma kellux jaqbeż sitt elef lira (Lm6,000) l-attriċi qiegħda titlob aktar mid-doppju.

3. Fl-1 ta’ April 1998 kienu saru żewġ kuntratti bejn il-partijiet fl-atti tan-Nutar La Rosa. L-ewwel kuntratt kien għal self (*loan*) sa tlitt elef lira (Lm3,000). L- i*statements* ta’ dan il-kont juru illi l-konvenuti Calleja kienu ġibdu din is-somma kollha sat-8 ta’ Mejju 1998. Saru xi ħlasijiet akkont u fl-1 ta’ Novembru 2005, ftit qabel ma nfetħet il-kawża, il-bilanċ tal-kapital kien ta’ elfejn, disa’ mija u sebgħa u ħamsin lira u sitta u erbgħin ċenteżmu (Lm2,957.46) u l-imgħaxijiet telgħu għal ħames mija u tmienja u erbgħin lira u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (Lm548.74), b’kollox tlitt elef, ħames mija u sitt liri u għoxrin ċenteżmu (Lm3,506.20).

4. It-tieni kuntratt, ukoll tal-1 ta’ April 1998, kien għal *overdraft facilities* sa tlitt elef lira (Lm3,000) oħra. Fit-2 ta’ Ottubru 1998, imbagħad, sar kuntratt ieħor li bis-saħħa tiegħu l-partijiet ftiehmu illi l-faċilitajiet jiżdiedu bi tlitt elef lira oħra (Lm3,000) sa mhux aktar minn sitt elef lira (Lm6,000). Il-konvenuti Calleja kienu bdew jiġbdu minn dan il-kont fis-27 ta’ Frar 1998. Għalkemm il-kont kien laħaq bilanċ passiv li jaqbeż is-sitt elef lira (Lm6,000) fit-12 ta’ Novembru 1998, il-konvenuti Calleja tħallew jiġbdu mill-kont sakemm fid-9 ta’ Ġunju 1999 il-bilanċ passiv tela’ għal sebat elef, seba’ mija u tlieta u disgħin euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (Lm7,793.99). Dakinhar tqiegħed

f'kont ieħor "*reducing only*" u, sal-1 ta' Novembru 2005, il-bilanċ tal-kapital tela' għal sebat elef, tmien mija u disgħa u sittin euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (Lm7,869.99), flimkien ma' tlitt elef, disa' mija u tlieta u ħamsin lira u sitta u erbgħin ċenteżmu (Lm3,953.46) imgħaxijiet, b'kollox ħdax-il elf, tmien mija u tlieta u għoxrin lira u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (Lm11,823.45).

5. Billi iżda l-konvenuti Manicolo daħlu garanti biss sa sitt elef lira (Lm6,000), u ma jidhirx illi nkiseb il-kunsens tagħhom biex il-konvenuti Calleja jitħallew jiġbdu aktar minn hekk, il-garanti għandhom iwieġbu biss sa sitt elef lira (Lm6,000), flimkien mal-imgħaxijiet relativi. Jekk l-imgħaxijiet fuq sebat elef, tmien mija u disgħa u sittin euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (Lm7,869.99) jiġu tlitt elef, disa' mija u tlieta u ħamsin lira u sitta u erbgħin ċenteżmu (Lm3,953.46), dawk fuq sitt elef lira (Lm6,000) jiġu tlitt elef u erbatax-il lira u tmien ċenteżmi (Lm 3,014.08), b'kollox, kapital u mgħax, disat elef u erbatax-il lira u tmien ċenteżmi (Lm 9,014.08).

6. Fis-seduta tat-12 ta' April 2011 xehed Edmond Sacco, funzjonarju tas-soċjetà attriċi, u xehed illi minn dakinhar li nfetħet il-kawża ma sarux ħlasijiet oħra.

7. Il-bilanċ fuq iż-żewġ kontijiet flimkien għalhekk jiġi ħmistax-il elf, tliet mija u disgħa u għoxrin lira u ħamsa u sittin ċenteżmu (Lm15,329.65)[1] – daqs ħamsa u tletin elf, seba' mija u tmien euro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€35,708.48) – daqskemm qiegħda titlob l-attriċi, b'dan iżda illi l-garanti għandhom jagħmlu tajjeb biss għal tnax-il elf, ħames mija u għoxrin lira u tmienja u għoxrin ċenteżmu (Lm12,520.28)[2] – daqs disgħa u għoxrin elf, mija u erbgħa u sittin euro u wieħed u erbgħin ċenteżmu (€29,164.41).

8. Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża billi, wara li tiċħad l-eċċezzjonijiet, tgħid illi seħħew il-kondizzjonijiet biex is-self jintradd minnufih u tikkundanna lill-konvenuti miżżewġin Calleja jħallsu lill-attriċi ħamsa u tletin elf, seba' mija u tmien euro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€35,708.48), bl-imgħaxijiet mill-1 ta' Novembru 2005 sa meta jsir il-ħlas, u tikkundanna lill-konvenuti miżżewġin

[1] Lm3,506.20 + Lm11,823.45
[2] Lm3,506.20 + Lm9,014.08

Manicolo *in solidum* mal-konvenuti iżda biss sas-somma ta' disgħa u għoxrin elf, mija u erbgħa u sittin euro u wieħed u erbgħin ċenteżmu (€29,164.41) ), bl-imgħaxijiet mill-1 ta' Novembru 2005 sa meta jsir il-ħlas.

9. Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu l-ispejjeż tal-kawża b'dan illi s-soċjetà attriċi għandha tħallas sehem minn tlieta (⅓) tal-ispejjeż tal-konvenuti Manicolo.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------